DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ BiH/20/2013

tal-24 ta' April 2013

dwar il-ħatra tal-Kap tal-Element ta' Kmand tal-UE f'Napli għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bosnja-Ħerzegovina

(2013/216/PESK)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2004/570/PESK tat-12 ta' Lulju 2004 dwar l-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bożnja u Ħerzegovina [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 6 tagħha,

Billi:

(1) Permezz ta' Skambju ta' Ittri bejn is-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli u s-Segretarju Ġenerali tan-NATO fit-28 ta' Settembru 2004 u fit-8 ta' Ottubru 2004 rispettivament, il-Kunsill tal-Atlantiku tat-Tramuntana qabel li jqiegħed għad-dispożizzjoni l-Kap Kmandant tal-Kwartieri Ġenerali tal-Kmand tal-Forza Konġunta, Napli bħala Kap tal-Element ta' Kmand tal-UE f'Napli.

(2) Skont l-Artikolu 6 tal-Azzjoni Konġunta 2004/570/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) biex jeżerċita t-tmexxija politika u strateġika tal-operazzjoni militari tal-UE.

(3) Fil-15 ta' Ġunju 2010, il-KPS adotta d-Deċiżjoni BiH/16/2010 [2] li taħtar lil-Logutenent Ġeneral Leandro DE VICENTI bħala l-Kap tal-Element ta' Kmand tal-UE f'Napli għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bosnja-Ħerzegovina.

(4) Il-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE rrakkomanda l-ħatra tal-Kap tal-Persunal tal-Kwartieri Ġenerali tal-Kmand tal-Forza Konġunta, il-Ġeneral Leonardo DI MARCO, bħala l-Kap tal-Element ta' Kmand tal-UE f'Napli biex jissuċċiedi lil-Logutenent Ġeneral Leandro DE VICENTI.

(5) Il-Kumitat Militari tal-UE appoġġa r-rakkomandazzjoni.

(6) Skont l-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma tipparteċipax fl-elaborazzjoni u l-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni li għandhom implikazzjonijiet ta' difiża.

(7) il-Kunsill Ewropew ta' Kopenħagen tat-12 u t-13 ta' Diċembru 2002 adotta Dikjarazzjoni li tiddikjara li l-arranġamenti 'Berlin plus' u l-implimentazzjoni tagħhom ser japplikaw biss għal dawk l-Istati Membri tal-UE li huma wkoll jew membri tan-NATO jew partijiet fis-"Sħubija għall-Paċi", u li għaldaqstant ikkonkludew ftehim bilaterali dwar is-sigurtà man-NATO,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ġeneral Leonardo DI MARCO hu b'dan maħtur Kap tal-Element ta' Kmand tal-UE f'Napli għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bosnja-Ħerzegovina mit-28 ta' April 2013.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni BiH/16/2010 hija mħassra.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-28 ta' April 2013.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' April 2013.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President

O. SKOOG

[1] ĠU L 252, 28.7.2004, p. 10.
[2] ĠU L 155, 22.6.2010, p. 33.